BIRŻEBBUĠA

"Dar Birżebbuġa" Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn 27 t' Ottubru 2014 fis-6.00pm.**

| | |
|---|---|
| Preżenti | Membri |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** |
| | **Is-Sur Kevin Barun** |
| | **Is-Sur Carmelo Cachia** |
| | **Is-Sur Charles Muscat** |
| | **Sinj. Bernadette Pace** |
| | **Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |

**AĠENDA 1**

Peress li kien hemm xi dettalji li kellhom jiġu rranġati, il-Minuti tas-Seduta Nru. 10/14 ma setgħux jiġu approvati u dan se jsir fil-laqgħa li jmiss.

**AĠENDA 2**

Kien hemm stedina mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa fejn il-Kunsillieri kollha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill ġew mistiedna biex fl-10.00 ta' filgħodu, fit-3 ta' Diċembru 2014, jattendu attivita' kommemorattiva tal-25 anniversarju mit-tmiem il-Gwerra Bierda. Il-Kunsillieri ma qablux li l-Kunsill għandu jingħalaq għall-siegħa filgħodu meta jiġu ħafna nies biex jinqdew mill-Kunsill u ddeċidew li tiġi ċċekkjata l-liġi x'tgħid dwar l-għeluq tal-Kunsill waqt attivitajiet bħal dawn.

**AĠENDA 3**

Is-Sinj. B. Pace infurmat il-Kamra li 'Jum Birżebbuġa' kien se jiġi ċċelebrat fit-13 ta' Diċembru fis-Sala tal-Iskola Primarja. Xi Kunsillieri wrew it-tħassib tagħhom minħabba li dakinhar ikun hemm attivitajiet oħra marbuta mal-Festa Nazzjonali u din qalet li se tiċċekkja x'ikun hemm eżattament bħala attivitajiet dakinhar ħalli fil-każ tinbidel il-ġurnata ta' 'Jum Birżebbuġa'.

**AĠENDA 4**

Is-Sindku nforma l-Kamra li kien se jsir ir-resurfacing ta' Sqaq Ħas Saptan u ta' Trejqet Wied Tal-Klima.

**AĠENDA 5**

Is-Sindku nforma l-Kamra li l-Kunsill kien bagħat ittra lill-Ministru tal-Edukazzjoni fejn urih bix-xewqa tal-Kunsill li tinbena Librerija Pubblika ġdida fuq biċċa art tal-iskola n-naħa ta' Triq San Mikiel, għaliex il-librerija preżenti hija umduża u dan jagħmel ħsara lill-kotba u l-ixkaffi. Ma' din l-ittra kien hemm site-plan tas-sular t'isfel tal-iskola Primarja kif ukoll ittra mingħand is-Surmast tal-iskola fejn qal li kien jaqbel ma' dan il-pass.

**AĠENDA 6**

L-MTA talbet informazzjoni dwar il-Kuntratti li l-Kunsill għandu fis-seħħ bħalissa mal-kuntratturi privati li jieħdu ħsieb il-latrini pubbliċi. Il-Kamra qablet li din l-informazzjoni tingħata.

**AĠENDA 7**

Il-Kamra approvat li titħallas il-Building Levy ta' €928.92c għall-Proposed Master Plan tal-Bajja s-Sabiħa.

**AĠENDA 8**

Wara diskussjoni, il-Kamra qablet li l-kuntratt tal-'Mechanical Sweeper' ma jiġix mġedded għall-perijodu ieħor għax is-servizz tal-kuntrattur ma kienx ta' livell sodisfaċenti u li għandha toħroġ tender mill-ġdid għal dan is-servizz.

**AĠENDA 9**

Wara li ddiskuta il-proposta tar-Reġjun rigward kif għandhom jintużaw il-fondi li se jingħataw lill-Kunsilli għax-xiri tas-CCTV cameras u għall-infurzar, il-Kunsill iddeċieda li jsir meeting ma' espert f'dan il-qasam biex jiġi diskuss kif il-fondi jistgħu jiġu wżati biex jiġu ssorveljati Ġnien il-Kunsill Lokali u Ġnien l-Indipendenza, li fihom isir ħafna vandaliżmu.

**AĠENDA 10**

Is-Sindku, J. Farrugia, ressaq l-għeluq tal-perijodu tal-probation tas-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tal-Kamra u s-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata mill-Kunsillier J. Baldacchino għan-nom tal-Kunsillieri kollha li wara li dawn iltaqgħu waħidhom u ddiskutew jekk hux se jġeddu l-impjieg tagħha wara li jgħaddu is-sitt xhur, unanimament qablu li dan ma jsirx.

**AĠENDA 11 u 12**

Minhabba cirkostanzi li ma kien hemm ebda kontroll fuqhom, Agenda 11 u 12 ser jigu diskussi f'laqgha ohra

**Għeluq**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm

.........................................                ...............................................................

**Joseph Farrugia**                **Marthese Parascandalo**

**Sindku**                **Segretarju Eżekuttiv**